ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 9 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 5 ta' Awwissu 2013 fis- 2.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;

2. Tagħrif mill-Minuti;

3. Korrispondenza;

4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Lulju 2013;
   b) Skeda ta' Ħlas Lulju 2013;

5. Laqgħa mal-MEUSAC;

6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 8 ittieħdu bhala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekondat il-Kunsillier Agius u l-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**;

Dwar item 4., Is-Segretarju staqsiet jekk il-Kunsill hux se jagħti il-flus kollha lura lill-Periti li bagħatu t-*tender* jiġifieri l-flus tal-*Bank Guarnatee* ukoll.
Is-Sur Fenech qal li għalisa jingħataw il-flus li ħallsu għat-*tender* biss u wara naraw xi jsir. Il-Kunsill qabel.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mil-LCA għarrfuna li se jsir seminar nhar it-Tnejn, 19 ta' Awwissu, 2013, fid-9.30am fil-Lukanda Corinthia Palace, Attard dwar is-Servizzi tas-Saħħa Lokali. Għal dan is-Seminar se jattendu is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sinjuri Agius u Schembri.

   LCA nfurmatna li l-laqgħa li jmiss tas-Sindki u Viċi Sindki ser issir nhar is-27 u 28 ta' Settembru, 2013, fil-lukanda Dolmen Resort.

2. Mingħand il-Perit Marvin Ellul irċevejna ċ-Ċertifikati tax-xogħolijiet li saru Triq San Gorg u Triq it-Tumbarellu flimkien mal-kontijiet tiegħu. Il-Kunsill jixtieq ikun jaf liema parti ser titħallas minn *Transport Malta* u liema se jħallas il-Kunsill għaldaqstant se jiġi mistoqsi l-Perit dwar dan.

3. Mid-Dipartiment irċevejna Memo 19/2013 dwar il-Każijiet quddiem il-Bord ta' Governanza Lokali

4. Is-Sinjura Miriam Schembri nfurmat l-Kunsill li ser torganizza Tour ta' Pitturi fil-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq nhar it-Tnejn u Tlieta 5 u 6, ta'

Awwissu, 2013. Qalet ukoll li wara il-Kunċert tat-tfal li se jsir nhar il-Erbgħa ,28 ta Awwissu, 2013, se tagħmel bibita żgħira. Il-Kunsill qabel.

5. Il-Kappillan stieden il-Kunsill kollu għal quddies tal-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2013, fis-6.00pm u tal-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2013, fid-9.00am.

ĦAL GĦAXAQ

6. Mil-GAL XLOKK infurmawna li ser issir intervista mas-Sindku w l-Viċi Sindku għal programm Mad-Daqqa t'Għajn.

7. Mingħand l-Ispettur Charles Bartolo irċevejna struzzjonijiet għal programm li kellu jsir mill-Għaqda ta' Santa Marija.

4. <u>**Materji Finanzjarji**</u>:

*a.* ***Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Lulju 2013, li kienu jammontaw għal €97.13. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€97.13 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Schembri.

*b.* ***Skeda ta' Ħlas Lulju 2013***: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2013 u li jammontaw għal €16,414.50. Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

5. <u>**Suġġerimenti mill-Kunsilliera**</u>

1. Is-Sinjura Agius qalet li Triq ir-Rebbiegħa hemm ħafna ħaxix taħt il-bankina biex jitneħħa. Is-Segretarju qalet li se tieħu ħsieb.

2. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li nġibu 2 *skips* għal ġbir ta' l-iskart wara li jsiru il-kunċerti. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sindku qal li hemm *reserved parking* ħdejn il-Kappella ta' San Filippu li tista' titneħħa għax m'hemmx użu tagħha. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sur Abela qal li jeħtieġ nixtru *stickers* biex ma jintremhiex żibel f'ċerti postijiet. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sur Abela qal ukoll li sar ilment biex issir *sleeping police* fi Triq it-Tumbarellu.

6. Is-Sindku qal li daħal ilment biex Triq ta' Loretu issir *One Way*. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

7. Is-Sinjura Agius qalet li Triq id-Dejl hemm xi zkuk biex jinġabru minn tal-*Bulky refuse*.

8. Is-Sinjura Agius flimkien mas-Sinjura Schembri qalu li ser jorganizzaw *tour* għal Catania f'Novembru. Il-Kunsill qabel.

9. Is-Sindku qal li se jipprova jġib *inmates* minn Kordin biex jagħmlu xi xogħol.

10. Il-Kunsillier Fenech qal li hu se jkun imsiefer fuq xogħol għaldaqstant mhux se jkun jista' jattendi għal laqgħa li jmiss.

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-4.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 2 ta' Settembru, 2013, fit-3.00pm.

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

**<u>Ikkonfermati: it-Tnejn 2 ta' Settembru 2013, fit-3.00pm</u>**